**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**MR. HENRY JAMES PEARSALL**

**Illum 1 ta’ Dicembru 2015**

**Rikors Numru 55/10**

**Kenneth Francis Williams**
**Vs**
**Awtorita Ghat-Trasport f’Malta**
**U**
**Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi Ekonomija u Investiment**

**It-Tribunal,**

Ra l-appell tar-rikorrenti **Kenneth Francis Williams** ipprezentat fl-20 ta’ Dicembru 2010 fejn ippremetta s-segwenti:

**“***Illi huwa cittadin tar-Renju Unit;*

*Illi f’April 2009 gie jghix Malta stante li ha impjieg f’Malta;*
*Illi fis-6 ta’ Gunju 2010 huwa importa gewwa Malta l-vettura numru R691GR tat-tip Jaguar XJ8 li ilha propjeta` tieghu ghal numru twil ta’ snin u li halla warajh l-Ingilterra meta ttrasferixxa ruhu hawn;*

*Illi fl-24 ta' Gunju 2010 applika ghal ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni stante t-trasferiment ta' residenza mir-Renju Unit ghal Malta ai termini tal-Art 19 tal-Kap 368 (Acknowledgment- Dok A anness);*

*Illi fl-14 ta' Lulju 2010 huwa gie mitlub jipprovdi evidenza dokumentarja dwar il-vjegg mir-Renju Unit sa Sqallija (Dok B anness) billi d-dokumentazzjoni li kien ipprovda lid-dipartiment kien ghal vjegg Pozzallo (Sqallija) lejn Malta;*

*Illi dan id-dokument (Dokumenti "D" u "E") gie sottomess lil Nathalie Abela fid-dipartiment fl-10 ta' Dicembru 2010;*

*Illi dakinhar gie nformat li t-talba tieghu giet michuda b'ittra datata 29 ta' Novembru 2010 li fil-fatt qatt ma giet notifikata lilu (Dok C anness);*

*Illi t-talba tieghu kellha tintlaqa anke minghajr dan id-dokument izda jidher li l-unika diffikolta` li kellu d-dipartiment sabiex jipprocessa t-talba tieghu hija dina l-evidenza li issa d-dipartiment ghandu fil-pussess tieghu.*

*Illi bhala xhieda in sostenn ta' dak li qed jigi allegat huwa jixtieq jipproduci lil:*

a) *Ufficjali tal-Awtorita` ta' Malta dwar it-Trasport*
b) *Is-Segretarju Permanenti u ufficjali tal-Ministeru tal-Finanzi Ekonomija u Investiment*
c) *Rapprezentanti tal-Virtu` Ferries*
d) *Rapprezentanti ta' P & O Ferries*

*Ghaldaqstant jitlob bir-rispett li d-decizjoni tas-Segretarju Permanenti tal- Ministeru tal-Finanzi Ekonomija u Investiment tigi revokata u minnflok l-applikazzjoni tal-appellant sabiex jigi ezentat mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni stante t-trasferiment ta' residenza mir- Renju Unit ghal Malta ai termini tal-Art 19 tal-Kap 368 tigi milqugha, bl-ispejjez kontra l-appellanti."*

Ra r-risposta tal-**Awtorita' Ghat-Trasport f'Malta** ipprezentata fit-28 ta' Dicembru 2010 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

*"Illi in linea preliminari l-azzjoni odjerna giet ippresentata fuori termine u dana skond A.L. 196/2009- Regolament 4 (6), u ghalhekk dan it-Tribunal m'ghandux jiehu konjizzjoni ta' dan l-kaz.*

*Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, l-esponenti jeccepixxi n-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal rationae materiae u dana peress li t-talba kif intavolta mir-*

*rikorrenti ma tinkwadrax ruha taht l-Artikolu 40 tal-Att dwar l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta.*

*Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, l-Awtorita` esponenti m'hiex il-legittimu kontraduttur f'din il-kwistjoni u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u dana peress illi kwalunkwe decizjoni mehuda in konessjoni mal-applikazzjoni tar-rikorrenti in kwantu jirrigwarda l-helsien tal-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni abbazi ta' residenza permanenti barra minn Malta tittiehed unikament mill-Ministeru responsabbli mill-Finanzi u dana skond ir-Regolament 10 tar-Regoli tal-2009 dwar Ezenzjonijiet mit-Taxxa tar-Registrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (A.L.196/2009) u inoltre l-Awtorita` esponenti m'ghandha ebda sehem la fil-konsiderazzjonijiet u lanqas fid-decizjonijiet ta' tali talbiet ghall-ezenzjoni.*

*Illi sussidjarament u bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dana peress illi d-decizjoni in kwistjoni hija legali, gusta u ghandha tigi kkonfermata."*

Ra r-risposta **tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment** ipprezentata fl-10 ta' Jannar 2011 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

*"Illi t-talba tal-intimat ghal ezenzjoni mill-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni giet michuda mill-esponent wara illi huwa kien gie nfurmat illi jrid jipproduci aktar evidenza sabiex jissostanzja l-pretensjoni tieghu u li nghata zmien li fiha huwa kellu jgib tali evidenza u huwa naqas illi jipproduci l-istess evidenza. Infatti l-evidenza ngiebet a konjizzjoni tal-esponent wara illi kienet inharget l-ittra ta' cahda ghat-talba mressqa mill-intimat datata 29 ta' Novembru 2010, u dan kif ser jigi ppruvat fil-proceduri odjerni.*

*Illi madanakollu in segwitu ghal evalwazzjoni tal-evidenza l-gdida li giet eventwalment prodotta mill-intimat, l-esponent jilqa' t-talba tal-esponenti u ser jirrevoka l-ittra minnu mahruga datata 29 ta' Novembru 2010 rispettivament.*

*Illi bla pregudizzju ghas-suespost u in vista tal-fatt illi kien l-intimat illi pprokrestina milli jipproduci l-informazzjoni fiz-zmien prefiss mill-esponent, l-esponent m'ghandux ibati l-ispejjez tal-proceduri odjerni."*

Sema' x-xhieda tar-rikorrent;[1]

[1] Traskritta a fol. 45 sa fol. 48

Ra l-verbal tal-20 ta' Lulju 2015 fejn id-difensur tal-Awtorita` intimata informa lit-Tribunal li r-rikorrent kien wasal f'arrangament mal-istess Awtorita` dwar il-hlas dovut lilha;

Ra l-verbal tas-6 ta' Ottubru 2015 fejn id-difensuri tal-intimati infurmaw lit-Tribunal li r-rapprezentati taghhom qeghdin jinsistu fuq il-kap tal-ispejjez u ghalhekk talbu li tinghata sentenza;

Ra d-dokumenti kollha pprezentati mir-rikorrent;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghal sentenza dwar il-kap tal-ispejjez.

**Ikkunsidra:**

Illi t-Tribunal jinnota illi dawn il-proceduri damu pendenti ghal kwazi hames snin fejn fil-mori r-rikorrent kien f'tahdidiet mal-Awtorita` intimata sabiex tigi sorvolata il-kwistjoni wara d-decizjoni ta' rifjut mill-ezenzjoni tat-taxxa ta' registrazzjoni ta' vettura tal-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment datata 29 ta' Novembru 2010. Illi wara kwazi hames snin jirrizulta illi l-partijiet waslu f'xi tip ta' arrangament. Jirrizulta wkoll pero` li mir-risposta tas-Segretarju intimat illi wara li r-rikorrent kien issuplixxa lill-istess intimat b'xi informazzjoni rikjesta mill-istess Ministeru, l-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni kienet se tigi koncessa.

Illi jirrizulta illi r-raguni ghala l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni giet rifjutata kienet illi r-rikorrent naqas li jforni lill-Ministeru tal-Finanzi, l-Eknomija u Investiment prova dokumetnarja tat-tragitt tal-vettura mir-Renju Unit ghal Sqallija. Illi jirrizulta wkoll illi fl-14 ta' Lulju 2010 l-istess Ministeru kien bghat ittra lir-rikorrent fejn infurmah bil-htiega ta' dawn id-dokumenti. Jirrizulta, pero`, illi dawn id-dokumenti gew sottomessi mir-rikorrent fl-10 ta' Dicemru 2010, u cioe` cirka hames xhur wara, bir-rizultat illi nel frattemp u precizament fid-29 ta' Novembru 2010, kien inhareg ir-rifjut ghall-ezenzjoni abbazi tan-nuqqas tad-dokumenti rikjesti.

Illi fix-xhieda tieghu ir-rikorrent jelenka numru ta' fatti u cirkostanzi li pero` m'ghandhomx x'jaqsmu xejn mal-applikazzjoni ghall-ezenzjoni, semmai huma relatati mar-registrazzjoni tal-vettura mal-Awtorita` intimata, liema process kien wiehed separat minn dak li jghamel il-Ministeru intimat rigward processar ta' applikazzjoni ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni.

Illi ghalhekk jirrizulta li ghalkemm il-mertu ta' dan l-appell gie ezawrit bil-hrug tal-ezenzjoni, jibqa' l-kwistjoni dwar il-kap tal-ispejjez.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi certament il-Ministeru tal-Finanzi ta bizzejjed zmien lir-rikorrent biex igib id-dokument rikjest qabel hareg ir-rifjut tieghu u ghalhekk ma jhossx li l-istess ghandu jbati xi spejjez.

Illi  fir-rigward tal-posizzjoni tal-Awtorita` intimata, kif qalet tajjeb l-istess Awtorita`  fit-tielet eccezzjoni taghha, hija mhix il-legittimu kontradittur f'kwistjoni ta' ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni ghax huwa biss il-Ministeru tal-Finanzi li ghandu poter jezenta vettura milli tattira maghha t-taxxa ta' registrazzjoni.  Kwindi lanqas l-Awtorita` intimata m'ghandha tbati l-ebda spejjez.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-mertu tar-rikors stante li dan gie sorvolat fil-mori tal-proceduri,  qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jikkundanna lir-rikorrent ihallas l-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**